# MALTA

## TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-07 ta' April, 2016.

Talba Numru: 821/2012AM3

Numru fuq il-Lista: 38

**Untours Insurance Agents Limited (C5655) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurtat taghha Francis Chetcuti (Id No 250755M), ta' Workers Memorial Buildings, Old Bakery Street, Valletta**
**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u skont digriet moghti mit-Tribunal nhar is-27 ta' Jannar, 2014 giet kjamata in kawza l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-Socjeta` attrici li permezz taghha hija talbet sabiex l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta tigi kundannata thallas is-somma ta' elf erba` mija u tlett ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€1403.27c) liema ammont jinkludi l-hsarat relattivi, spejjez koncernanti l-istess u tiswijiet li kellhom isiru fuq il-vettura in kwistjoni u li jinkludu wkoll is-somma ta' tmenin ewro (€80) rapprezentanti f' 'policy excess' li giet imhallas mill-attur Francis Chetcuti flimkien mal-ispejjez legali u professjonali inkluz dawk tal-ittra mibghuta lill-istess Awtorita` bl-interessi legali mid-data tal-incident sad-data tal-pagament effettiv; bl-ispejjez kontra l-istess Awtorita` li hija ngunta minn issa ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta a fol 10 li permezz taghha eccepiet li l-allegazzjonijiet , pretensjonijiet u talbiet kollha tas-Socjeta` attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress li l-Awtorita` intimata mhijiex responsabbli ghall-allegat incident u ghad-danni reklamati u fi kwalunkwe kaz l-attur ma soffriex danni. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kollha kontra s-Socjeta` attrici li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra d-dgiriet ta' dan it-Tribunal tas-27 ta' Jannar, 2014 (fol. 61) li permezz tieghi fuq talba tas-Socjeta` attrici ordnat illi l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma tigi kjamata in kawza.

Ra r-risposta tal-kjamata fil-kawza il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma a fol. 64 li permezz taghha eccepiet li t-talbiet attrici fil-konfront tal-Korporazzjoni eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk jisthoqilhom li jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess Socjeta` attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi kollha tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Fix-xhieda tieghu a fol 21 Mario Mifsud, Motor Claims Supervisor mas-Socjeta` attrici xehed li Francis Chetcuti kellu l-vettura tieghu assigurata mas-Socjeta` attrici u kien inxurjat 'comprehensive'. Fis-17 ta' Novembru, 2011 Chetcuti garrab hsara fil-vettura tieghu liema hsara tammonta ghal elf erba' mija u tlett ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€1403.27c) liema ammont jinkludi tmenin ewro (€80) 'excess' li hallas l-istess Chetcuti. Huwa kkonferma l-ircevuti u pprezenta kopja tas-survey report (fol. 26 et).

Ra x-xhieda ta' WPC 176 Slone Fabri (fol. 23 et) li kkonferma r-rapport li ghamel fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara l-istess Francis Chetcuti. (fol. 29 et).

Ra x-xhieda ta' Nicholas Baldacchino in rapprezentanza tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta (fol 42 et) li t-triq fejn sar l-incident Triq in-Naxxar, Hal Lija hija triq arterjali u pprezenta Dok NB1 (Fol 44 et) biex jikkonferma dan u pprezenta wkoll Dok NB2(fol. 49 et) ritratti tal-manhole tad-drenagg fl-istess triq.

Ra x-xhieda ta' Mario Galea, a fol 55 et Team Leader tal-Qasam Centrali fi hdan il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma li ddikjara li l-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma hija responsabbli ghal manutenzjoni fost affarijiet ohra ta' xi tappieri li jigu responsabilita` taghha l-manutenzjoni ta' xi

tappieri li jigu fil-vicinanzi tac-cimiterju li hemm Hal Lija u li anke l-'waste water manholes' anke dawn huma responsabilita tal-istess Korporazzjoni. Jammetti li meta taghmel hafna xita t-tappiera minhabba li jizdied il-volum tal-ilma toghla u spjega kif jigri dan.

A fol 74 et Francis Chetcuti prodott mill-Korporazzjoni kjamata in kawza xehed li jaf li f'din it-triq partikolari hemm tappiera li tipikament tizbroffa meta jkun hemm hafna ilma u li jaghmel hiltu sabiex jevitaha u jghid li t-tappiera ma rahiex pero'' kkonferma li l-karozza tieghu laqatha ghax ghamlet hoss qawwi u li l-hsara saret mat-tappiera u ghaliex eventwalment waqaf mal-genb u raha. Xehed li dak inhar kien hemm pied ilma u t-tappiera ma setghax jara fejn kienet.

It-Tribunal ddikjara l-provi tal-Korporazzjoni kjamata fil-kawza maghluqa fis-seduta tal-05 ta' Frar, 2016.

Semgha l-Avukati tas-Socjeta` attrici u tal-Awtorita` ntimata jittrattaw il-kawza.

Ikkunsidrat,

Li jirrizulta sodisfacentement ppruvat li l-kawza tad-danni kien spral miftuh minhabba volum ta' xita li ghamlet fil-gurnata tal-incident liema spral jaqa` taht ir-responsabilita` tal-Korporazzjoni kjamata fil-kawza kif gie konfermat ukoll minn ufficjal tal-istess Korporazzjoni Mario Galea.

Bhala konsiderazzjonijiet legali dwar danni t-Tribunal jaghmel referenza ghas-segwenti:

Skond l-Art 1031 tal-Kodici Civili "*Kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu" u allura kif ritenut gar ma jistax jehles mir-responsabilita` li jnehhi l-kawza ta' hsarat fil-fond tieghi anke jekk ghal tali hsarat jkun qed jikkontribwixxi l-fatt ta' haddiehor*. (**Gatt Henry vs Camilleri Charles Prim'Awla per Sciberras 28/1/04)**

Art 1032 tal-istess, jistipula: *Jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza d-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

Gie ritenut li biex iwaqqa l-presunzjoni tal-htija l-konvenut ghandu jipprova l-konkors ta' zewg cirkostanzi:

a. L-accident jew il-fortuwitu bhala kawza ta' hsara; u

b) n-nuqqas ta' htija da parti tieghu bhala kawza medjata u mmedjata tal-hsara. (App Inf per Sciberras 23/6/04 Vella Giovanni et vs Cilia Michael sentenza parzjali).

Huwa principju pacfiikament ricevut f'materja ta' danni li "biex ikun hemm lok gharresponsabilita` tad-danni hemm bzonn li min jitlobhom jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza imma li dak l-att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferit (**kollez XXX Vbol. pIII p 142)**

Jinhtieg li jigi pruvat li l-konvenut kolpozament u negligentement ma hax il-prekawzjonijiet ta' *bonus paterfamilias* mistennija minnu biex jassigura li ma jigux kawzati d-danni li effettivament graw fil-fondi vicini.

Il-fatt biss d-dikjarazzjoni jew ammissjoni tar-responsabilita` ghad-danni ma jfissirx ta' bilfors li d-danneggjant ghandu jaghmel tajjeb ghal kull dannu pretiz. Hu pacifiku li l-ligi trid li min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu imma mhux aktar minn hekk (**Kollez. vol L pl p150).**

Mill-provi jirrizulta car li l-Korporazzjoni kjamata fil-kawza hija responsabbli ghal dawn l-ispralli, li taf x'jigri meta jaghmel hafna xita u li minkejja dan ma tiehu ebda prekawzjoni biex tevita incidenti bhal dan mertu tal-kawza.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa t-talba tas-Socjeta` attrici u tikkundanna lil-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma sabiex thallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta' elf erba mija u tlett ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€1,403.27c) bl-ispejjez kontra l-istess Korporazzjoni u bl-interessi legali mid-data tal-incident sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kontra l-istess Korporazzjoni.

**Av Anna Mallia**

**Gudikatur**